# KRONAKA TAL-"GĦAQDA"

* * *

## IL-PROFESSUR ĊUŻE' GALEA MAĦTUR "FELLOW OF THE ROYAL HEALTH SOCIETY"

Inħabbru bi pjaċir illi l-President tal-Għaqda, il-Professur Kav. Ċużè Galea, Tabib Prinċipali tal-Gvern, ġie maħtur "Fellow of the Royal Health Society". Din in-nomina tingħata kull sena, biss lil erbgħa fost it-tobba magħrubn għall-merti tagħhom fil-ħidma ta' xjenza u amministrazzjoni sanitarja.

Il-Kunsill u l-Membri tal-Għaqda, kif ukoll l-Imseħbin tal-Għaqda, filwaqt li jilqgħu b'ferħ din l-aħbar jieħdu b'idejn il-Professur Galea għal dan il-ġieħ li jirrifletti mhux biss fuq ismu bħala Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa, imma wkoll fuq l-isem ta' l-istess Dipartiment Sanitarju ta' Malta u tal-Għaqda li tagħha huwa President u Kittieb magħruf tal-Lsien Malti.

* * *

## IL-PROFESSUR P.P. SAYDON MOGĦTI L-GRAD TA' D.Lit. (Honoris Causa)

Il-Għaqda flimkien ma' dawk kollha li wrew il-għożża u l-ferħ tagħhom għall-ġieħ li l-Università għoġobha żżejjen l-isem tal-Professur Saydon thoss id-dmir mhux inqas minn ħaddieħor li tfisser il-għożża u l-ferħ tagħha u tieħu b'id il-Professur li l-lum ma' l-ittri sbieħ ta' ġieħ li għandu wara ismu l-Università għoġobha bil-ħaqq kollu li żżidlu dawk ta' D.Litt., li jagħżluh għall-merti tiegħu speċjali, fit-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti, minn dawk ta' merti oħra ta' studji li fihom minn mindu kien student wera ħila kbira u li b'riħithom kien ingħażel biex jimla l-kattedra universitarja ta' l-Iskrittura Mqaddsa u tal-Lhudi.

Bħalma kien fisser il-Professur Coleiro fid-diskors li għamel fiċ-ċerimonija tal-Għoti li ngħatalu f'Jum it-Tifkira tat-Twaqqif ta' l-Università ta' Malta, il-Professur Saydon m'għandux bżonn min jitkellem wisq fuqu għax magħruf biżżejjed, l-aktar fost sħabu ta' l-Università, kemm ukoll fost l-istudjużi, u l-aktar b'mod speċjali fost il-Membri tal-Għaqda. Huwa kien wieħed minn ta' l-ewwel li ngħaqad mal-kittieba tal-Għaqda fil-ħidma għall-kitba, koltivazzjoni u studju xjentifiku tal-Lsien Malti.

## IN-NUMRU SPEĊJALI TA' "IL-MALTI" TA' ĠUNJU-SETTEMBRU, 1960

Għandna pjaċir ngħarrfu illi dan in-Numru Speċjali illi l-Kunsill tal-Għaqda kien iddeċieda joħroġ bħala tifkira u għożża tal-ħidma tas-Sur Nin Cremona fil-Kitba Matlija, u tax-xogħol tiegħu għall-ġid tal-Għaqda mit-twaqqif tagħha sal-lum, f'għeluq il-għomor tiegħu ta' Tmenin Sena, fil-waqt li l-Università żejnitu wkoll bil-grad ta' Dottorat fil-Letteratura, kien milqugħ b'ferħ u tifħir sew mill-membri tal-Għaqda kemm mill-Imseħbin ta' "Il-Malti", kemm ukoll minn kull min ġie f'idejh u qara dan in-Numru.

L-edizzjoni ta' dan in-Numru, fejn dari kien l-istess Ninu Cremona li jgħin lid-Direttur ta' "Il-Malti" fix-xogħol ta' l-edizzjoni u ta' l-istam-



pa ta' kull Numru ta' "Il-Malti", din id-darba waqgħet f'idejn is-Sur Ċużè Chetcuti, Membru tal-Kunsill, li minnrajh indaħal għall-ġabra tal-kontribuzzjonijiet, sew ta' proża kemm ta' versi, kif ukoll ta' fotografiji u clichès li bihom ġie mżejjen dan in-Numru. Ix-xogħol ta' dan in-Numru ma kenitx ħaġa hekk ħafifa, u kienu l-ħila, l-esperjenza u s-sabar tas-Sur Chetcuti biex dan in-Numru ħareġ hekk mirqum u mimli b'dik il-għażla sabiħa ta' proża u versi.

Jiddispjaċina, u dan ngħiduh flok is-Sur Chetcuti, li f'dan il-ktieb ma setax jidher dak kollu li nkiteb u li ħu xtaq, u dan ħtija ta' nuqqas ta' wisa' u ċirkustanzi li fuqhom la s-Sur Chetcuti u lanqas il-Għaqda ma kellhom ebda kontroll. Aħna xtaqna li f'dan in-Numru jidher ukoll id-diskors sabiħ li għamel bil-Latin il-Professur Mons. Coleiro fl-okkażjoni taċ-ċerimonja tal-Għoti tad-Dottorat, l-Università, kif ukoll dak mhux inqas sabiħ ta' Patri Accursio Xerri, O.F.M., fis-"Soiree d'Honneur" li ngħata lis-Sur Ninu Cremona fil-B.I., Għawdex, mill-Għawdxin, bħala kompatrijott Għawdxi, b'inizjativa tas-Surmast Ġorġ Xerri, fl-okkażjoni ta' għeluq il-għomor tiegħu ta' Tmenin Sena u bħaia apprezzament tax-xogħol tiegħu għall-ġid tal-Lsien Malti. Dawn iż-żewġ diskorsi ma setgħux jidħllu fil-ħin sewwa, minħabba li l-oraturi kienu mħabbtin b'xogħol ieħor li kellu x'jaqsam, ta' wieħed mal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl u ta' l-ieħor li kellu jagħmel l-Ingilterra bħala Delegat tal-Ministru Ġenerali tal-Patrijiet Minuri fil-Kunventi u Kuleġġi tal-Provinċja Ingliża. Dawn iż-żewġ diskorsi jew "resume" tagħhom nittamaw li jidhru f'ħarġiet oħra ta' "Il-Malti".

Ninqdew b'din l-okkażjoni biex ngħidu wkoll li f'dawn il-festi ta' ġieħ li saru lill-Membru tagħna, wieħed mill-aktar anzjani tal-Għaqda, bosta ħbieb tagħna wrew l-akbar ko-operazzjoni, sew il-Membri tal-Għaqda, kemm dawk li fihom kellhom xi inkarigi speċjali, kemm ukoll il-ħbieb Għawdxin tas-Sur Nin, fosthom ta' min isemmi b'mod speċjali, il-promotur tas-"Soire d'Honneur" fil-B.I. ta' Għawdex, is-Sur Ġorġ Xerri, li dejjem issibu minn ta' quddiem f'okkażjonijiet bħal dawn fejn jidħlu l-kittieba Għawdxin li s'issa fil-koltivazzjoni tal-Lsien Malti għamlu isem sabiħ; fl-aħħarnett insemmu l-Kumitat tal-"Health Inspectors" li f'din l-okkażjoni ma naqsux li joffri "Vermouth d'Honneur" lil wieħed mill-ixjeħ fost sħabhom li ħadem fid-Dipartiment tagħhom għal 23 sena mill-bidu tar-Riforma Amministrativa Sanitarja li l-lum laħqet fi grad ta' l-ogħla u l-isbaħ svilupp tagħha. Ma rridux anqas inħallu barra u ma niżżux ħajr minn qalbna lill-Editur ta' "It-Torċa" u lis-Sur Karm Ellul Galea, l-editur letterarju ta' dan il-ġurnal u membru akkamediku tal-"Għaqda", li fit-"Torċa" tad-29 ta' Mejju, 1960, fakkar għeluq snin is-Sur Cremona b'paġna sabiħa ta' poeżiji u ta' proża, u minbarra dan silifna ħafna mill-fotografiji li deħru fin-numru speċjali ta' "Il-Malti".